Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,642, 11 ta' Ġunju, 2021

Taqsima B

A.L. 241 tal-2021

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw it-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2021 li jemendaw it-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Tlettax-il Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "it-Tlettax-il Skeda". Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2021.

Jissostitwixxi l-partita 2A tat-Tlettax-il Skeda.

2. Il-partita 2A tat-Tlettax-il Skeda għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Provvisti taħt il-One Stop Shop u l-Import One Stop Shop

2A. Persuni li jipprovdu oġġetti jew servizzi taħt il-*One Stop Shop* jew l-*Import One Stop Shop*, skont il-Kapitolu 6 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE li jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2021, ma jkunux meħtieġa li joħorġu riċevuti fiskali skont din l-Iskeda għal dawn il-provvisti ta' oġġetti u servizzi.".

Iżid partita ġdida 2B mat-Tlettax-il Skeda.

3. Minnufih wara l-partita 2A tat-Tlettax-il Skeda, għandha tidħol il-partita ġdida li ġejja:

"Provvisti li jsiru barra minn Malta

2B. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Tnax-il Skeda, persuni li jipprovdu oġġetti jew servizzi li, skond it-Tielet Skeda, jsiru barra minn Malta m'għandhomx ikunu meħtieġa joħorġu riċevuti fiskali skont din l-Iskeda għal provvisti bħal dawn.".